Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Marzu 2020
(OR. en)

6556/20

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2020/0035(COD)**

TRANS 93
CODEC 159

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 4 ta' Marzu 2020 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2020) 78 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar Sena Ewropea tal-Ferroviji (2021) |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 78 final.

---

Mehmuż: COM(2020) 78 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.3.2020
COM(2020) 78 final

2020/0035 (COD)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar Sena Ewropea tal-Ferroviji (2021)**

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019[1], il-Kummissjoni stabbiliet Patt Ekoloġiku Ewropew għall-Unjoni Ewropea u għaċ-ċittadini tagħha. Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi mill-ġdid l-impenn tal-Kummissjoni li tindirizza l-isfidi relatati mal-klima u l-ambjent li huma l-kompitu li se jiddefinixxi lil din il-ġenerazzjoni. Hija strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa parti integrali ta' din l-istrateġija tal-Kummissjoni biex timplimenta l-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2030 u l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli[2]. L-objettiv li tinkiseb Unjoni Ewropea newtrali għall-klima sal-2050 ġie approvat mill-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019[3] u mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020[4].

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jappella b'mod partikolari biex titħaffef il-bidla lejn mobilità sostenibbli u intelliġenti, peress li t-trasport jammonta għal kwart tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni, u li għadhom qed jiżdiedu. Biex tinkiseb in-newtralità tal-klima, jeħtieġ li jkun hemm tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet mit-trasport sal-2050. Il-mezzi kollha tat-trasport se jkollhom jikkontribwixxu għat-tnaqqis. Bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni ħabbret strateġija għal mobilità sostenibbli u intelliġenti, li għandha tiġi adottata fl-2020, li se tindirizza din l-isfida u tindirizza s-sorsi kollha tal-emissjonijiet. Fost azzjonijiet oħra previsti, parti sostanzjali mill-75 % tal-merkanzija interna li llum tinġarr bit-triq jenħtieġ tingħadda fuq il-ferroviji u l-passaġġi fuq l-ilma interni.

Il-ferroviji għandu jkollhom rwol sinifikanti fl-aċċelerazzjoni tat-tnaqqis fl-emissjonijiet mit-trasport, bħala wieħed mill-aktar mezzi ta' trasport li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u li huma effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Tabilħaqq, il-ferroviji huma ġeneralment elettriċizzati u jemettu ferm anqas CO2 minn vjaġġar ekwivalenti bit-triq jew bl-ajru. Dan huwa wkoll l-uniku mezz tat-trasport li, mill-1990 'l quddiem, naqqas l-emissjonijiet tas-CO2 tiegħu kontinwament minkejja ż-żieda fil-volumi tat-trasport: sal-2016, kien jirrappreżenta biss 0.5 % tal-emissjonijiet tas-CO2 mill-modi kollha ta' trasport. Barra minn hekk, il-ferroviji jirrappreżentaw biss 2 % tal-konsum tal-enerġija totali tal-UE fit-trasport, filwaqt li ttrasportaw 11.2 % tal-merkanzija u 6.6 % tal-passiġġieri mill-modi kollha ta' trasport fl-2016[5]. Il-ferroviji naqqsu l-konsum tal-enerġija tagħhom bejn l-1990 u l-2016[6] u qed jużaw dejjem aktar sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

---

[1] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM/ 2019/640 final)

[2] https://sustainabledevelopment.un.org/post2015/transformingourworld

[3] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2019 (https://www.consilium.europa.eu/media/41768/12-euco-final-conclusions-en.pdf)

[4] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (2019/2956 (RSP))

[5] Il-ktieb tal-istatistika dwar it-trasport tal-UE 2019

[6] Il-ktieb tal-istatistika dwar it-trasport tal-UE 2019

Filwaqt li s-sehem tal-ferroviji tal-passiġġieri fit-trasport fuq l-art tal-Unjoni żdied minn 7.0 % għal 7.6 % bejn l-2007 u l-2016, għall-merkanzija, minn mindu ntlaħqet il-quċċata fl-2011 (19 %), is-sehem ferrovjarju tat-trasport tal-merkanzija fuq l-art tal-Unjoni naqas għal 16.65 % fl-2017[7]. Għad fadal ħafna ostakli biex tinkiseb tassew Żona Ferrovjarja Unika Ewropea, inkluż fir-rigward tal-ħtieġa li jitnaqqas l-istorbju. Jekk jingħelbu dawn l-ostakli u jkun hemm tnaqqis tal-ispejjeż u aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni, dan jippermetti lill-ferrovija tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha. Għalhekk, il-ferrovija teħtieġ spinta ulterjuri biex issir aktar attraenti għall-vjaġġaturi u n-negozji bħala mezz ta' trasport li jissodisfa kemm il-ħtiġijiet tagħhom ta' mobbiltà ta' kuljum kif ukoll dawk ta' distanzi itwal. Iż-żieda fis-sehem tal-passiġġieri u l-merkanzija li jivvjaġġaw bil-ferrovija se tikkontribwixxi wkoll biex titnaqqas kemm il-konġestjoni kif ukoll l-emissjonijiet perikolużi għas-saħħa tal-bniedem, b'mod partikolari t-tniġġis tal-arja.

Il-proposta biex l-2021 tiġi ddikjarata "Is-Sena Ewropea tal-Ferroviji" għandha l-għan li tippromwovi t-trasport ferrovjarju f'konformità mal-objettivi stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, inkluż fir-rigward tal-mobilità sostenibbli u intelliġenti. Permezz ta' proġetti, dibattiti, avvenimenti, wirjiet u inizjattivi madwar l-Ewropa, is-Sena Ewropea tal-Ferroviji se tippromwovi l-ferrovija bħala mezz attraenti u sostenibbli biex tivvjaġġa madwar l-Ewropa, liċ-ċittadini, in-negozji u l-awtoritajiet, filwaqt li tenfasizza d-dimensjoni wiesgħa u innovattiva tagħha. Billi jintlaħqu ċ-ċittadini, lil hinn mis-settur ferrovjarju, permezz ta' avvenimenti speċifiċi u kampanji ta' komunikazzjoni, se tikkonvinċi aktar nies u negozji jużaw il-ferroviji.

Is-sena 2021 hija sena importanti għall-politika ferrovjarja tal-Unjoni. Din se tkun l-ewwel sena sħiħa fejn se jiġu implimentati r-regoli miftiehma skont ir-Raba' Pakkett Ferrovjarju[8] fl-UE kollha, jiġifieri dwar il-ftuħ tas-suq tas-servizzi domestiċi tal-passiġġieri u dwar it-tnaqqis tal-ispejjeż u l-piż amministrattiv għall-impriżi ferrovjarji li joperaw madwar l-UE. Hemm interess pubbliku dejjem jikber fil-ferroviji, inkluż fil-ferroviji ta' billejl, f'għadd ta' Stati Membri, kif muri wkoll bil-popolarità ta' #DiscoverEU[9]. Barra minn hekk, il-festival internazzjonali tal-arti "Europalia"[10] se jiddedika l-edizzjoni tal-2021 tiegħu għall-influwenza tal-ferroviji fuq l-arti u jenfasizza r-rwol tal-ferroviji bħala promotur b'saħħtu ta' bidla soċjali, ekonomika u industrijali. Għalhekk, l-2021 hija kkunsidrata bħala mument xieraq ħafna għal din l-inizjattiva.

Bħas-Snin Ewropej imgħoddija kollha, l-għan ewlieni huwa s-sensibilizzazzjoni dwar l-isfidi u l-opportunitajiet u li jiġi enfasizzat ir-rwol tal-Unjoni fil-promozzjoni ta' soluzzjonijiet kondiviżi. L-objettiv tas-Sena Ewropea tal-Ferroviji għandu jkun li tħeġġeġ u tappoġġa l-isforzi tal-Unjoni, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, u organizzazzjonijiet oħra biex jiżdied is-sehem tal-passiġġieri u l-merkanzija li jivvjaġġaw u jinġarru bil-ferrovija. B'mod partikolari, is-Sena Ewropea għandha tippromwovi l-ferroviji bħala mezz ta' trasport sostenibbli, innovattiv u sikur, billi tilħaq lill-pubbliku ġenerali, speċjalment liż-żgħażagħ. Għandha tenfasizza wkoll id-dimensjoni Ewropea, transfruntiera tal-ferroviji, li tqarreb liċ-ċittadini lejn xulxin, tippermettilhom li jesploraw l-Unjoni fid-diversità kollha tagħha, trawwem il-koeżjoni u tikkontribwixxi għall-integrazzjoni tas-suq intern tal-Unjoni. Għandha ttejjeb ukoll il-kontribuzzjoni tal-ferroviji għall-ekonomija tal-Unjoni, l-industrija u s-soċjetà inġenerali, u tippromwovi l-ferroviji bħala element importanti tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi, b'mod partikolari fil-Balkani tal-Punent.

---

7 Il-ktieb tal-istatistika dwar it-trasport tal-UE 2019

8 https://ec.europa.eu/transport/modes/rail/packages/2013_mt

9 https://europa.eu/youth/discovereu_mt

10 https://europalia.eu

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Kif imsemmi hawn fuq, is-Sena Ewropea tal-Ferroviji se tippromwovi t-trasport ferrovjarju f'konformità mal-objettivi stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, inkluż fir-rigward tal-mobilità sostenibbli u intelliġenti. Se tedifika wkoll fuq l-inizjattivi u l-politiki eżistenti relatati mas-settur ferrovjarju bħalma huma l-ftuħ tas-suq tas-servizzi domestiċi tal-passiġġieri u t-tnaqqis tal-ispejjeż u l-piż amministrattiv għall-impriżi ferrovjarji li joperaw madwar l-Unjoni. B'mod simili għal Snin Ewropej oħrajn, il-miżuri jinkludu kampanji ta' informazzjoni u promozzjoni, avvenimenti, proġetti u inizjattivi fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali. Dawn se jservu sabiex iwasslu messaġġi ewlenin u jxerrdu informazzjoni dwar eżempji ta' prattika tajba.

Is-Sena Ewropea se tkun opportunità biex l-awtoritajiet tal-Istati Membri u s-settur jitħeġġu jaħdmu flimkien biex jippromwovu t-trasport bil-ferrovija. Se jsir kull sforz sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet organizzati matul is-Sena Ewropea jitfasslu b'tali mod li jissodisfaw il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi ta' kull Stat Membru. L-Istati Membri huma għalhekk mitluba jaħtru koordinatur nazzjonali responsabbli għall-organizzazzjoni tal-parteċipazzjoni tagħhom fis-Sena Ewropea tal-Ferroviji. Se jiġi stabbilit grupp ta' tmexxija Ewropew, li jinkludi r-rappreżentanti tal-koordinaturi nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha torganizza laqgħat tal-koordinaturi nazzjonali sabiex tikkoordina t-tmexxija tas-Sena Ewropea u biex isir skambju tal-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tagħha fil-livell nazzjonali u dak tal-Unjoni.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Is-Sena Ewropea tal-Ferroviji għandha rabtiet ma' oqsma oħra ta' politika tal-Unjoni bħall-iżvilupp reġjonali, il-kompetittività industrijali, it-turiżmu sostenibbli, l-innovazzjoni, l-impjiegi, l-edukazzjoni, iż-żgħażagħ, il-kultura u l-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabilità, kif ukoll ir-rabtiet tal-Unjoni mal-viċinat tagħha. Hija ser tissottolinja d-dimensjoni Ewropea, il-lat transfruntier tal-linji ferrovjarji, bħala mezz biex tingarr il-merkanzija, biex in-nies jivvjaġġaw u jiskopru u biex il-kontinent jingħaqad b'mod sostenibbli b'xeħta lejn il-ġejjieni. Xi attivitajiet taħt is-Sena Ewropea jistgħu possibbilment jiġu ffinanzjati skont programmi eżistenti tal-Unjoni, bħal Orizzont Ewropa, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-fondi strutturali u ta' investiment tal-Unjoni, Ewropa Kreattiva, Erasmus+, DiscoverEU jew l-Ewropa għaċ-Ċittadini.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Il-bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika tal-proposta hija l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Fil-fatt, l-Artikolu 91 jipprevedi li, meta jitqiesu l-fatturi partikolari tat-trasport, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u mal-Kumitat tar-Reġjuni, għandhom jistabbilixxu kull dispożizzjoni xierqa sabiex jiġi implimentat l-Artikolu 90 tat-TFUE. L-Artikolu 90 tat-TFUE jiddikjara li l-objettivi tat-Trattati għandhom jiġu segwiti fi ħdan il-qafas ta' politika komuni tat-trasport. L-għan ewlieni ta' din il-proposta huwa li tikkontribwixxi biex jiżdied is-sehem tal-passiġġieri u l-merkanzija li jivvjaġġaw u jingarru bil-ferrovija. Bħala tali, dan l-objettiv jaqa' fl-ambitu tal-Artikolu 91 tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta preżenti hija f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif previst fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). L-għanijiet tal-proposta preżenti ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti b'azzjoni meħuda min-naħa tal-Istati Membri biss. Dan għaliex azzjoni fil-livell nazzjonali waħedha ma tibbenefikax mid-dimensjoni Ewropea ta' skambju ta' esperjenza u prattika tajba bejn l-Istati Membri. L-Artikolu 3(3) tat-TUE jiddikjara b'mod partikolari li l-Unjoni Ewropea għandha tistabbilixxi suq intern, ħidma għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa bbażata, fost l-oħrajn, fuq it-titjib tal-kwalità tal-ambjent, għandha tippromwovi l-avvanz xjentifiku u teknoloġiku, u tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. L-Unjoni għandha ssegwi l-għanijiet tagħha b'mezzi xierqa, b'mod proporzjonat mal-kompetenzi mogħtija lilha mit-Trattati. Barra minn hekk, l-azzjoni tal-Istati Membri tkun tibbenefika mill-azzjoni fil-livell tal-Unjoni, permezz ta' aktar viżibilità, sħubijiet multilaterali, skambju transnazzjonali ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni u tixrid ta' prattiki tajba madwar l-Unjoni kollha fil-qafas tas-Sena Ewropea.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta preżenti hija f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif previst fl-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Il-pjan ta' azzjoni propost huwa sempliċi. Dan jistrieħ fuq programmi eżistenti u fuq l-iffukar tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni fuq it-temi tas-Sena Ewropea. Dan ma jimponi l-ebda restrizzjonijiet ta' ġestjoni sproporzjonati fuq amministrazzjonijiet li jimplimentaw il-proposta. Azzjoni tal-Unjoni tappoġġja u tikkomplementa l-isforzi tal-Istati Membri u s-settur. L-ewwel nett, din l-azzjoni ttejjeb l-effikaċja tal-istrumenti tal-Unjoni stess. It-tieni, dan se jaġixxi bħala faċilitatur billi jinkoraġġixxi sinerġiji u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-intrapriżi privati u pubbliċi, u s-soċjetà ċivili inġenerali. L-azzjoni tal-Unjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati.

- **L-għażla tal-istrument**

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill hija l-aktar strument xieraq biex ikun żgurat l-involviment sħiħ tal-awtorità leġiżlattiva fid-deżinjazzjoni tal-2021 bħala s-Sena Ewropea tal-Ferroviji.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-possibbiltà li s-sena 2021 tiġi ddikjarata "Is-Sena Ewropea tal-Ferroviji" ġiet diskussa fid-9 ta' Diċembru 2019 b'diversi rappreżentanti tas-settur ferrovjarju mistiedna (CER, UNIFE, EIM, ERFA — Allrail), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA), Shift2Rail u r-rappreżentanti tal-Europalia. Il-parteċipanti kollha esprimew appoġġ wiesa' għal din l-inizjattiva, filwaqt li enfasizzaw ir-rwol tal-ferroviji biex jintlaħaq l-objettiv ta' dekarbonizzazzjoni u jenfasizzaw id-dimensjoni transfruntiera tal-ferroviji. Il-partijiet

ikkonċernati fis-settur ferrovjarju, speċjalment l-impriżi ferrovjarji, l-amministraturi tal-istazzjonijiet, il-manifatturi u l-awtoritajiet nazzjonali huma mistennija jieħdu sehem attiv fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti taħt il-bandiera tas-Sena Ewropea, fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u lokali. Il-konsultazzjonijiet mal-festival internazzjonali tal-arti Europalia wrew potenzjal kbir għal sinerġiji mas-Sena Ewropea. Kemm il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew kif ukoll il-Kumitat tar-Reġjuni reċentement adottaw opinjonijiet[11] [12] fuq inizjattiva proprja li juru l-interess tal-membri tagħhom fil-promozzjoni tat-trasport ferrovjarju bħala mezz ta' trasport sostenibbli u innovattiv.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

L-ebda valutazzjoni tal-impatt ma hija meħtieġa, minħabba li l-għanijiet tal-inizjattiva proposta jaqgħu fi ħdan l-għanijiet ta' programmi eżistenti tal-Unjoni. L-inizjattiva proposta ma timpenjax lill-Kummissjoni għall-ebda azzjonijiet speċifiċi ta' natura leġiżlattiva. Lanqas mhu se jkollha kwalunkwe impatt soċjali, ekonomiku jew ambjentali sinifikanti lil hinn minn dak tal-istrumenti eżistenti.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-allokazzjoni finanzjarja meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għall-perjodu 2020-2021 hija stmata għal EUR 8,000,000. L-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea se tinvolvi finanzjament xieraq li għandu jiġi ddeterminat fil-kuntest tal-proċeduri baġitarji għall-2020, u l-2021 skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, għall-evalwazzjoni u għar-rappurtar**

Il-proposta tinkludi obbligu għall-Kummissjoni li tirrapporta sal-31 ta' Diċembru 2022 dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tal-inizjattivi koperti mis-Sena Ewropea.

[11] Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — L-iżgurar ta' tranżizzjoni inklużiva settorjali għal industrija ferrovjarja diġitalizzata (adottata fit-30.10.2019, CCMI/169-EESC-2019))

[12] Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni — Il-potenzjal tas-settur ferrovjarju fit-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika tal-UE (adottata fl-4 ta' Diċembru 2019, CDR 1939/2019)

2020/0035 (COD)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar Sena Ewropea tal-Ferroviji (2021)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[13],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[14],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019[15], il-Kummissjoni stabbiliet Patt Ekoloġiku Ewropew għall-Unjoni Ewropea u għaċ-ċittadini tagħha. Il-Patt Ekoloġiku Ewropea huwa strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi.

(2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019[16], il-Kunsill Ewropew approva l-objettiv li tinkiseb Unjoni Ewropea newtrali mil-lat ta' klima sal-2050.

(3) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020[17], il-Parlament Ewropew laqa' tajjeb il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" u appella għat-tranżizzjoni meħtieġa lejn soċjetà newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050.

(4) F'konformità mal-objettivi stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, hemm bżonn li l-ekonomija tal-Unjoni tinbidel u li jitfasslu mill-

---

[13] ĠU C , , p. .

[14] ĠU C , , p. .

[15] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM/ 2019/640 final)

[16] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2019

[17] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (2019/2956 (RSP))

ġdid il-politiki, b'mod partikolari fil-qasam tat-trasport u l-mobilità, li jimplika li titħaffef il-bidla lejn mobilità sostenibbli u intelliġenti. It-trasport jirrappreżenta kwart tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni, u għadu qed jikber. Biex tinkiseb in-newtralità tal-klima, jeħtieġ li jkun hemm tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet mit-trasport sal-2050. Il-kisba ta' mezzi tat-trasport sostenibbli tfisser li l-utenti jiġu l-ewwel u jiġu pprovduti b'alternattivi aktar affordabbli, aċċessibbli, favorevoli għas-saħħa u nodfa mid-drawwiet attwali tal-mobbiltà tagħhom. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jimplika li titħaffef il-bidla lejn mobilità sostenibbli u intelliġenti biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi. B'mod partikolari, parti sostanzjali mill-75 % ta' merkanzija interna li tinġarr illum bit-triq għandha tingħadda fuq il-ferroviji u l-passaġġi fuq l-ilma interni.

(5) Il-ferrovija għandha rwol sinifikanti x'taqdi bħala bidla radikali biex jintlaħaq l-objettiv ta' newtralità tal-klima sal-2050. Huwa wieħed mill-aktar mezzi ta' trasport li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u li huma effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija. Il-ferroviji huma ġeneralment elettriċizzati u jemettu ferm anqas $CO_2$ minn vjaġġar ekwivalenti bit-triq jew bl-ajru, u huma l-unika mezz tat-trasport li konsistentement naqqas l-emissjonijiet tiegħu ta' gassijiet b'effett ta' serra u l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-1990 'l hawn. Barra minn hekk, il-ferroviji naqqsu l-konsum tal-enerġija tagħhom bejn l-1990 u l-2016[18] u qed jużaw dejjem aktar sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

(6) Billi jgħaqqad ir-rotot ewlenin tat-trasport tal-Unjoni mar-reġjuni u t-territorji periferiċi tiegħu, is-settur ferrovjarju jikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali.

(7) Filwaqt li s-sehem tal-ferroviji tal-passiġġieri fit-trasport fuq l-art fl-Unjoni żdied bi ftit mill-2007 'l hawn, is-sehem tal-merkanzija naqas. Għad fadal ħafna ostakli biex tinkiseb tassew Żona Ferrovjarja Unika Ewropea, inkluż fir-rigward tal-ħtieġa li jitnaqqas l-istorbju. Jekk jingħelbu dawn l-ostakli u jkun hemm tnaqqis tal-ispejjeż u aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni, dan jippermetti lill-ferrovija tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha. Għalhekk, il-ferrovija teħtieġ aktar spinta biex issir aktar attraenti kemm għall-vjaġġaturi kif ukoll għan-negozji.

(8) Sabiex jiġi promoss it-trasport ferrovjarju f'konformità mal-objettivi stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, inkluż fir-rigward tal-mobilità sostenibbli u intelliġenti, is-sena 2021 jeħtieġ li tintgħażel bħala s-Sena Ewropea Ferrovjarja. L-2021 se tkun l-ewwel sena sħiħa fejn se jiġu implimentati r-regoli miftiehma skont ir-Raba' Pakkett Ferrovjarju fl-UE kollha, jiġifieri dwar il-ftuħ tas-suq tas-servizzi domestiċi tal-passiġġieri u dwar it-tnaqqis tal-ispejjeż u l-piż amministrattiv għall-impriżi ferrovjarji li joperaw madwar l-UE. Hemm interess pubbliku dejjem jikber fil-ferroviji, inkluż fil-ferroviji ta' billejl, f'għadd ta' Stati Membri, kif muri wkoll bil-popolarità ta' #DiscoverEU. Barra minn hekk, il-festival internazzjonali tal-arti "Europalia" se jiddedika l-edizzjoni tal-2021 tiegħu għall-influwenza tal-ferroviji fuq l-arti u jenfasizza r-rwol tal-ferroviji bħala promotur b'saħħtu ta' bidla soċjali, ekonomika u industrijali.

[18] DG MOVE Statistical Pocketbook 2019 "EU transport in figures" (sors: Eurostat)

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Is-sena 2021 għandha tkun iddedikata bħala "Is-Sena Ewropea tal-Ferroviji" (minn hawn 'il quddiem "Is-Sena Ewropea").

*Artikolu 2*

**Objettivi**

L-objettiv tas-Sena Ewropea tal-Ferroviji għandu jkun li tħeġġeġ u tappoġġa l-isforzi tal-Unjoni, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, u organizzazzjonijiet oħra biex jiżdied is-sehem tal-passiġġieri u l-merkanzija li jivvjaġġaw u jinġarru bil-ferrovija. B'mod partikolari, is-Sena Ewropea għandha

(a) tippromwovi t-trasport ferrovjarju bħala mezz ta' trasport sostenibbli, innovattiv u sikur, b'mod partikolari billi tenfasizza r-rwol tal-ferroviji bħala fattur ta' bidla li jgħin biex jintlaħaq l-objettiv ta' newtralità tal-klima tal-Unjoni sal-2050 u billi jilħaq lill-pubbliku usa', speċjalment iż-żgħażagħ;

(b) tenfasizza wkoll id-dimensjoni Ewropea, transfruntiera tal-ferroviji, li tqarreb liċ-ċittadini lejn xulxin, tippermettilhom li jesploraw l-Unjoni fid-diversità kollha tagħha, trawwem il-koeżjoni u tikkontribwixxi għall-integrazzjoni tas-suq intern tal-Unjoni;

(c) ittejjeb il-kontribut tal-ferroviji għall-ekonomija, l-industrija u s-soċjetà tal-Unjoni, li jkopri b'mod partikolari aspetti relatati mal-iżvilupp reġjonali, il-kompetittività industrijali, it-turiżmu sostenibbli, l-innovazzjoni, l-impjiegi, l-edukazzjoni, iż-żgħażagħ u l-kultura, u t-titjib tal-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità;

(d) tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-ferrovija bħala element importanti tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien, b'mod partikolari fil-Balkani tal-Punent, billi tedifika fuq l-interess u l-ħtiġijiet fil-pajjiżi sħab u fuq l-għarfien espert tal-Unjoni fit-trasport ferrovjarju.

*Artikolu 3*

**Kontenut tal-miżuri**

1. Il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jintlaħqu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 2 għandhom jinkludu l-attivitajiet li ġejjin fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali jew lokali marbuta mal-għanijiet tas-Sena Ewropea:

   (a) inizjattivi u avvenimenti li jippromwovu d-dibattitu, iqajmu kuxjenza u jiffaċilitaw l-involviment taċ-ċittadini, tan-negozji u tal-awtoritajiet pubbliċi biex jattiraw aktar nies u merkanzija lejn il-ferroviji bħala mezz biex jiġi

miġġieled it-tibdil fil-klima, permezz ta' kanali u mezzi multipli, inklużi avvenimenti fl-Istati Membri;

(b) kampanji ta' informazzjoni, wirjiet, ispirazzjoni, edukazzjoni u sensibilizzazzjoni biex jiġu mħeġġa bidliet fl-imġiba tal-passiġġieri, tal-konsumaturi u tan-negozju u biex jiġi stimulat kontribut attiv tal-pubbliku ġenerali biex jintlaħqu l-objettivi ta' trasport aktar sostenibbli;

(c) il-kondiviżjoni tal-esperjenza u l-prattiki tajba tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, is-soċjetà ċivili, in-negozji u l-iskejjel dwar il-promozzjoni tal-użu tal-ferroviji u dwar kif tiġi implimentata bidla fl-imġiba fil-livelli kollha;

(d) it-twettiq ta' studji u attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni u t-tixrid tar-riżultati tagħhom fuq skala Ewropea jew nazzjonali; kif ukoll

(e) il-promozzjoni ta' proġetti u netwerks relatati mas-Sena Ewropea, inkluż permezz tal-midja, in-netwerks soċjali u komunitajiet online oħra.

2. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, kif ukoll l-Istati Membri, fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali rispettivament, jistgħu jirreferu għas-Sena Ewropea u jagħmlu użu mill-identità viżiva tagħha biex jippromwovu l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 4*

**Koordinazzjoni fil-livell tal-Istati Membri**

L-organizzazzjoni tal-parteċipazzjoni fis-Sena Ewropea fil-livell nazzjonali hija responsabbiltà tal-Istati Membri. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jaħtru koordinaturi nazzjonali. Il-koordinaturi nazzjonali għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni ta' attivitajiet rilevanti fil-livell nazzjonali.

*Artikolu 5*

**Koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha regolarment torganizza laqgħat tal-koordinaturi nazzjonali sabiex tikkoordina t-tmexxija tas-Sena Ewropea. Dawk il-laqgħat għandhom iservu wkoll bħala opportunitajiet biex isir skambju tal-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell nazzjonali u dak tal-Unjoni; ir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew jistgħu jipparteċipaw f'dawk il-laqgħat bħala osservaturi.

2. Il-koordinazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell tal-Unjoni għandu jkollha approċċ trasversali bil-għan li jinħolqu sinerġiji bejn id-diversi programmi u inizjattivi tal-Unjoni għall-finanzjament ta' proġetti fil-qasam tat-trasport ferrovjarju jew li għandhom dimensjoni ferrovjarja.

3. Il-Kummissjoni għandha ssejjaħ laqgħat regolari tal-partijiet interessati u r-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet jew korpi attivi fil-qasam tat-trasport

ferrovjarju, inkluż netwerks kulturali transnazzjonali eżistenti u l-NGOs rilevanti, kif ukoll ta' organizzazzjonijiet u komunitajiet taż-żgħażagħ, biex jassistuha fl-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni tista', sakemm jippermetti l-baġit, torganizza sejħiet għal proposti u proġetti li jistgħu jirċievu appoġġ għall-kontribuzzjoni pendenti tagħhom għall-għanijiet tas-sena.

*Artikolu 6*

**Kooperazzjoni internazzjonali**

Għall-fini tas-Sena Ewropea, fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tikkoopera ma' organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, filwaqt li tiżgura l-viżibbiltà tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni.

*Artikolu 7*

**Monitoraġġ u evalwazzjoni**

Sal-31 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tal-inizjattivi previsti f'din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 8*

**Id-dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

**ID-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**

# WERREJ


ID-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA .................................................. 12

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA .................................................. 12

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva .................................................. 12

1.2. Qasam/oqsma ta’ politika kkonċernat(i) (Raggruppament ta’ programmi) .............. 12

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar: .................................................. 12

1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva .................................................. 12

1.4.1. Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil, inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva .................................................. 12

1.4.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista’ jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadann mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, “il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. .................................................. 12

1.4.3. Tagħlimiet meħudin minn esperjenzi simili fl-imgħoddi .................................................. 13

1.4.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma’ strumenti xierqa oħra .................................................. 13

1.5. Durata u impatt finanzjarju .................................................. 14

1.6. Mod(i) ta’ ġestjoni ppjanat(i) .................................................. 14

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI .................................................. 15

2.1. Regoli ta’ monitoraġġ u ta’ rappurtar .................................................. 15

2.2. Sistema/i ta’ ġestjoni u ta’ kontroll .................................................. 15

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta’ ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta’ pagament u tal-istrateġija ta’ kontroll proposta .... 15

